MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1100/2004

**Noel Baldacchino**

**vs**

**Dorothy Psaila**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Mejju, 2004, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur s-somma ta' disa' mija u hdax-il lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm911.13) rappresentanti merkanzija konsistenti f'*confectionery items* mibjugha u ikkonsenjata mill-attur lill-konvenuta. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali datata 25 ta' Marzu 2004 u bl-imghax legali dekoribbli mid-data tan-notifika ta'l-avviz kontra l-konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Ra illi l-konvenuta irrifjutat in-notifika lilha maghmula ta'l-avviz tat-talba u dana kif jirrizulta mix-xhieda tal-pustier

Andrew Scerri li kien inkarigat mill-konsenja ta'l-att lill-konvenuta.

Ra id-digriet tad-29 ta' Ottubru 2004, fejn fid-dawl tax-xhieda ta' Andrew Scerri n-notifika maghmula lill-konvenuta fil-5 ta' Gunju 2004 giet meqjusa bhala wahda valida ai fini u effetti kollha tal-ligi.

Ra illi l-konvenuta bagqhet ma dehritx ghas-seduti quddiem it-Tribunal u lanqas ma ipprezentat risposta skond il-ligi.

Sema x-xhieda ta' Marlene Baldacchino, mart l-attur, li ikkonfermat bil-gurament illi l-ammont mitlub fl-avviz baqa' ma thallasx mill-konvenuta lill-attur. Dana hija tafu peress illi tiggestixxi n-negozju ta' *wholesale* flimkien ma'l-attur, zewgha.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' disa' mija u hdax-il lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm911.13), bl-imghaxijiet legali mill-5 ta' Gunju 2004.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-25 ta' Marzu 2004, ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------